MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 1364/2003

**Middle Sea Insurance Plc proprio u kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Wallace Leonard Falzon**

**Vs**

**Isabella Darmanin Godano**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li bih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenuta thallas Lm255.92c (mitejn u hamsa u hamsin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu) rapprezentanti danni kkagunati f'incident tat-traffiku li sehh unikament tort tal-konvenuta minhabba traskuragni, mperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Ra r-Risposta tal-konvenuta li tiddikjara li mhux responsabbli ghall-incident.

It-Tribunal jaghmel referenza ghall-kawza "Elmo Insurance Agency Ltd ghan-nom tal-kumpanija estera Royal and Sun Alliance Insurance Plc bhala surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Isabella Darmanin Godano Vs Rosa Falzon" (Avviz Numru 1256/03PM) deciza llum stess favur Elmo Insurance Agency Ltd.

F'din is-sentenza gie ddikjarat li l-incident gara unikament tort ta' mart l-attur f'dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant jichad it-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------